**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Marzu, 2019**

**Mandat Nru: 275/2019/1 AF**

**Christopher Sciberras**

**vs**

**Joshua Cilia**

**Matthew Cilia**

**Stephanie Schembri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Christopher Sciberras li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet li zzomm lill-intimati milli jkomplu u/jew jissoktaw milli jkomplu, jew b'kull mod iehor, jibqghu ghaddejjin, kemm personalment u kemm permezz ta' terzi, b'xogholijiet ta' kostruzzjoni, alterazzjonijiet, *finishing*, twehhil ta' aperturi, u/jew modifikazzjonijiet ohra fl-appartament internament indikat bin-numru tnejn (2), formanti parti minn blokk bini bin-numru tnax (12) u jismu "Destiny", fi Triq Oscar Zammit, il-Hamrun, sovrastanti l-appartament numru wiehed (1) proprjetà tar-rikorrent, inkluz fl-arja

sovrastanti l-imsemmi appartament numru tnejn (2) kif ukoll fil-partijiet komuni tal-istess blokk, u kif ukoll milli jibnu u/jew jikkostruwixxu sulari godda fl-arja sovrastanti l-istess blokk ta' bini msemmi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 fejn gie registrat kif gej:

> *"Dr. Massimo Vella ghall-intimati jivverbalizza li ghal dak li jirrigwarda xogholijiet u installazzjonijiet ohra, fix-xaft u fil-bitha, li r-rikorrent qed jghid li huma tieghu, m'huma ser isiru l-ebda xogholijiet jew installazzjonijiet ulterjuri, billi l-intimati ser jaghmlu l-istess xogholijiet, u installazzjonijiet kollha li fadal esklussivament minn go l-proprjetà taghhom.*
>
> *Ghal dak li jirrigwarda aperturi mhux ser isiru l-ebda aperturi godda fil-hitan divizorji, u l-ebda aperturi, f'distanza inqas minn dik ta' 76 cms li tipprovdi l-ligi mill-istess hitan divizorji."*

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment kif gej:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Huwa accettat mill-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi minn dan johrog illi tnejn huma r-rekwiziti ghall-hrug ta' mandat ta' din ix-xorta u cioè:

1. L-ewwel irid jintwera li r-rikorrenti ghandu almenu mad-daqqa t'ghajn id-dritt li jsostni li ghandu u,

2. Illi hemm htiega tal-mandat ghall-harsien tal-istess jedd. Hemm zewg htigiet kumulattivi.

Jigi enfasizzat illi kull ezami li taghmel din il-Qorti f'dawn il-proceduri jibqa' essenzjalment limitat ghal dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn.

Din il-Qorti tinnota illi x-xogholijiet li minnhom qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti fil-fatt digà gew esegwiti. L-extractors tal-arja kundizzjonata digà jinsabu mwahhla, kif jinsabu mwahhla wkoll il-katusi u l-camera ta' CCTV. Ma jirrizultax mill-pjanti esibiti li ser jinfethu aperturi godda li jaghtu ghal fuq il-bitha tar-rikorrenti, u dan ukoll kif konfermat mid-dikjarazzjoni tal-intimati seduta stante.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament fis-sens illi m'ghandhomx jinfethu aperturi li jaghtu ghal bitha tar-rikorrenti jekk dawn ma jirrispettawx id-distanza legali.

Kull parti ghandi tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF